MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1920/2002

**Avviz Numru 1920/02 AJD**
**Id-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni**

**vs**

**Alan Fiott**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Awissu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80.00) rappresentanti ammont indebitament imhallas lill-konvenut bhala stipendju  ghall-perijodu bejn Jannar 2000 u Frar 2000 u dan stante assenza regolari mill-lezzjonijiet tul dawn ix-xahrejn meta l-konvenut kien student fil-Junior College.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Marzu 2001 u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mill-attur fid-9 ta' Ottubru 2002 fejn huwa ceda s-sorte izda zamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**